MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2009

Numru 58/2007

**Il-Pulizija**
**Sp Angelo Gafa'**
**vs**
**Danilo Bezzina**

**Il-Qorti**

**Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Danilo Bezzina ta' 23 sena iben Luciano u Alfrida nee' Caruana mwieled Tarxien fil-25 ta' AWissu 1983 u residenti 'Hortensia House' Triq il-Lampuka Tarxien, ID 456083M.**

**Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer f'xi perjodu bejn April 2006 u Awissu 2006 b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, fil-kapacita tieghu ta' skrivan impjegat ma' l-Awtorita Dwar it-Trasport ta' Malta (ADT) in konnessjoni mal-kariga jew impieg tieghu, talab, rcieva jew accetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew**

**offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli iehor, jew ta' xi vantagg iehor, li ghalihom ma kellux jedd, u minhabba dan naqas li jaghmel dak li kien fid-dmir tieghu li jaghmel.**

**Kif wkoll talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, fil-kapacita tieghu ta' skrivan impjegat ma' l-Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta (ADT), sew jekk kellu jew ma kellux jedd li jesigi l-flus jew hwejjeg ohra bhala salarju tad-dmijirijet tieghu, jew akkont tal-Gvern jew ta' stabbiliment pubbliku, that il-libsa tal-kariga tieghu, esiga dak li l-ligi ma tippermettix, jew izjed minn dak li tippermetti l-ligi, jew qabel iz-zmien li jmiss skond il-ligi.**

**Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-ligi, tapplika l-provvediment ta' l-Artikolu 119 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Rat l-ammissjoni ta' l-imputat ghal dawn l-imputazzjonijiet, liema ammissjoni huwa kkonferma wara li nghata hin bizzejjed biex jahsibha. Ghal daqstant dawn l-imputazzjonijiet gew ppruvati skond il-ligi.**

**Il-Qorti wara li rat l-Artikolu 18, 115(C), 112, 121(1), 119 u 533 tal-Kap 9 qed issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu izda stante l-ammissjoni ta' l-imputat u stante wkoll il-fedina penali tieghu li hija wahda nadifa flok tikkundanna lill-imputat qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmel ebda reat iehor fi zmien tliet snin millum. Il-Qorti spjegat l-Artikolu 22 tal-Kap 446 lill-imputat fi kliem semplici.**

**Il-Qorti qed tapplika l-Artikolu 119 tal-Kap 9 u ghal hekk l-imputat ser ikollu interdizzjoni perpetwa.**

**Il-Qorti tordna li din is-sentenza tigi komunikata lir-Registratur tal-Qrati Kriminali u Tribunali Kriminali sabiex issir il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------